**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 23 ta' Jannar 2025**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Guramentat Numru:- 628/2024JVC**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs**

**Sean Deguara I.D. 80394(M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti HSBC Bank Malta p.l.c. talbet kif isegwi:

‘1. Illi in forza ta’ kuntratt fl-atti tan-nutar Andre Farrugia, il-Bank attur ikkonċeda faċilità bankarja lill-konvenut Deguara konsistenti f’self fl-ammont ta’ tmienja u għoxrin elf lira Maltija (Lm28,000), illum ekwivalenti ghal ħamsa u sittin elf, mitejn u tnejn u għoxrin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€65,222.46), kif anki deskritt fis-Sanction Letter tas-17 ta’ Novembru 2003, maħruga mill-Bank u aċċettata mill-konvenut Deguara (l-istess Sanction Letter tifforma parti integrali mill-kuntratt ċitat, it-tnejn annessi bħala Dok. A u Dok. B);

2. Illi fuq parti minn dan is-self kienet tapplika rata ta’ imgħax preferenzjali, u għalhekk, għalkemm issir referenza għal żewġ kontijiet fis-Sanction Letter, riflessi f’żewġ statements separati bin-numri 73725868 u 13725868), dawn jirreferu għall-istess faċilità bankarja hawn fuq riferuta;

3. Illi, ai termini tal-istess Sanction Letter, il-konvenut Deguara obbliga ruħu li jħallas pagamenti mensili ta’ mija u tlieta u għoxrin lira Maltia (Lm123), illum ekwivalenti għal mitejn u sitta u tmenin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€286.51);

4. Illi għalkemm Deguara affetwa xi pagamenti fl-ewwel numru ta’ snin minn dakinhar li ġiet konċessa lilu l-faċilita` sureferita, liema pagamenti fil-maġġor parti tagħhom kienu inqas minn dak miftiehem, huwa waqaf jagħmel pagamenti f’dawn l-aħħar snin, tant li l-Bank kien kostrett jinterpellah b’ittra uffiċjali biex iħallas l-arretrati dovuti (Dok. E);

5. Illi minkejja dan, Deguara xorta baqa’ inadempjenti, u għalhekk tilef il-benefiċċju taż-żmien mogħti lilu skond il-kundizzjonijiet kemm tas- Sanction Letter kif ukoll tal-kuntratt ta’ self relattiv u b’konsegwenza t’hekk il-bilanċ intier sar dovut f’daqqa;

6. Illi l-konvenut illum huwa għalhekk debitur tal-Bank attur fis-somma ta’ erbgħa u ħamsin elf, disa’ mija sebgħa u għoxrin

Ewro u sitta u sebgħin centezmu (€54,927.76) in kwantu kapital dovut, u fis-somma ta′ elfejn erba′ mija u sittax-il Ewro u żewg ċentezmi (€2,416.02) in kwantu imgħaxijiet ikkalkulati sal-4 ta′ Ġunju 2024 kif rifless fl-i*statements* hawn annessi bħala Dok. C u Dok. D, u dan oltre imgħax legali ulterjuri dovut mid-5 ta′ Ġunju, 2024 sad-data tal-pagament effettiv;

Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:

(i) Tiddikjara illi l-konvenut Deguara, huwa debitur tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta′ sebgħa u ħamsin elf, tliet mija u tlieta u erbgħin Ewro u tmienja u sebgħin ċentezmu (€57,343.78) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mill-5 ta′ Ġunju 2024 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta′ Malta;

(ii) Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-Bank attur l-imsemmija s-somma ta′ sebgħa u ħamsin elf, tliet mija u tlieta u erbgħin Ewro u tmienja u sebgħin ċentezmu (€57,343.78) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mill-5 ta′ Ġunju 2024 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta′ Malta;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 3045/21 u tal-mandat ta′ sekwestru numru 849/2024 ippreżentat fl-istess ismijiet premessi fis-16 ta′ Mejju 2024 kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.′

Rat illi l-intimat prezenti fl-awla llum stess prezenta fl-atti nota ta' ammissjoni datata 21 ta' Jannar 2025 li taqra:

"li permezz taghha qieghed jammetti ghat-talbiet kif dedotti mis-socjeta' rikorrenti".

Rat in-nota ta' riduzzjoni prezentata llum stess illi permezz taghha l-bank rikorrenti rriduca l-pretensjoni tieghu ghas-somma globali ta' sitta u hamsin elf, hames mija u hamsa u ghoxrin euro u tlieta u sittin centenzmu (€56,525.63) bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Jannar 2025 u mhux mid-data ndikata fir-rikors guramentat.

Illi l-Qorti rat ukoll id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat fosthom il-kuntratt datat 18 ta' Frar 2004 u diversi *statements*, rat ukoll in-nota tal-bank rikorrenti datata llum stess li permezz taghha gie esebit affidavit ta' Doreen Cunnigham li tati spjegazzjoni dettaljata tal-ammonti kif inhuma dovuti u tannetti *statements* ricenti sad-data tallum bis-somma li ghadha dovuta mill-intimat.

Illi in vista tad-dokumentazzjoni esebita kif ukoll tal-ammissjoni tal-intimat, il-Qorti tqis illi t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

(i) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-intimat Deguara, huwa debitur tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta' sitta u hamsin elf, hames mija u hamsa u ghoxrin euro u

tlieta u sittin centenzmu (€56,525.63) dovuti kif fuq spjegat oltre l-imghax legali mit-23 ta' Jannar 2025;

(ii) Tilqa' it-tieni talba u tikkundanna lill-istess intimat ihallas lill-Bank attur l-imsemmija s-somma ta' sitta u hamsin elf, hames mija u hamsa u ghoxrin euro u tlieta u sittin centenzmu (€56,525.63) dovuta kif fuq spjegat oltre l-imghax legali ulterjuri mit-23 ta' Jannar 2025 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Jannar 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**23 Jannar 2025**